Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

2 ta' Awwissu 2023

## Reviżjoni ad hoc fil-Prodott Domestiku Gross

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) se jkun qiegħed jagħmel reviżjoni ad hoc fl-istatistika tal-Kontijiet Nazzjonali. Din ir-reviżjoni ħierġa fid-29 ta' Awwissu 2023, u għalhekk, se tkun qed issir mal-ħruġ tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għat-tieni kwart tal-2023.

Reviżjonijiet ad hoc jiġru l-aktar minħabba d-dħul ta' sorsi ġodda ta' data li jbiddlu l-istimi li jkun hemm qabel b'ċifri aktar b'saħħithom, u tibdil fil-metodoloġija, li jistgħu jwasslu għal tibdil aktar sinifikanti minn dak imwettaq f'reviżjonijiet ta' rutina.

L-għan ewlieni ta' din ir-reviżjoni ad hoc huwa t-tirqim tal-istatistika tal-Kontijiet Nazzjonali bid-dħul ta' sorsi ġodda ta' data. Dan it-titjib ikompli jtejjeb ir-reqqa tad-data tal-Kontijiet Nazzjonali u jaħseb ukoll għal tqabbil aħjar tad-data internazzjonali. Din ir-reviżjoni ad hoc se twassal għal reviżjonijiet mill-perjodu ta' riferenza tal-ewwel kwart tal-2018 'il quddiem.

Minħabba dawn ir-reviżjonijiet, il-PDG annwali f'termini nominali se jiżdied bejn l-2018 u l-2022. Bħala medja, ir-reviżjonijiet fil-PDG nominali mistennija jkunu ta' madwar 1.6 fil-mija. Din ir-reviżjoni fil-PDG nominali għandha prinċipalment tfisser reviżjoni fil-PDG f'termini reali, filwaqt li r-reviżjoni fid-deflatur globali tal-PDG hija mistennija li tkun minima. Ir-riżultati għadhom preliminari.

It-titjib ewlieni miġjub b'din ir-reviżjoni ad hoc huwa mniżżel hawn taħt:

- L-integrazzjoni tat-Tabelli tal-Provvista u l-Użu (Supply and Use Tables) għas-sena 2018. Dawn huma sors siewi ta' data li jipprovdu qafas integrat għall-verifika tal-konsistenza u l-kompletezza tad-data tal-kontijiet nazzjonali. Dawn huma matriċi skont il-prodott u l-industrija li juru kif il-provvista ta' oġġetti u servizzi permezz tal-produzzjoni domestika u l-importazzjoni jintużaw għall-konsum intermedju u l-użu finali (in-nefqa fuq il-konsum finali, il-formazzjoni ta' kapital gross u l-esportazzjoni).

- L-integrazzjoni tar-riżultati tal-Istħarriġ dwar in-Nefqa fuq l-Impjegati minn Min Iħaddem (LCS) tal-2020. Dan l-istħarriġ, li jsir kull erba' snin mal-intrapriżi, għandu l-għan li jiġbor tagħrif dwar x'jonfoq min iħaddem sabiex jimpjega l-ħaddiema. Huwa wżat biex jaġġorna l-istima tal-pagi f'għamla ta' oġġetti (in kind) fl-istatistika tal-Kontijiet Nazzjonali.

- L-integrazzjoni tal-istħarriġ dwar ix-xiri mill-internet li jkopri l-2022. Dan jagħti tagħrif dwar oġġetti u servizzi mixtrija minn barra l-pajjiż minn residenti ta' 16-il sena 'l fuq.

- Tagħrif ġdid minn għejun amministrattivi aġġornati.

Minħabba l-integrazzjoni tal-ħidma dwar il-kompletezza mwettqa mit-Taqsima tal-Metodi, Standards u Kontijiet tas-Setturi tal-Kontijiet Nazzjonali, issa hemm waqfa temporanja fis-serje mill-2018 'il quddiem. Is-serje kronoloġika kollha se tkun aġġustata bil-Parametru Referenzjarju tal-2024 li se jkun ippubblikat matul it-tielet kwart tal-2024.

Aktar tagħrif jista' jkun disponibbli wara li ssir talba bil-miktub lil: nso@gov.mt.